# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXI**
**Illum it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001**

**Appell Nru 10/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander Azzopardi talli (**1**) fit-22 ta' Mejju, 1992, gewwa Mosta Road, Lija, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' Lawrence Farrugia; (**2**) fl-istess data u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ghamel hsara fil-vettura ta l-istess Lawrence Farrugia numru ta' registrazzjoni G-3129 u hsara fil-coach tal-marka 'Dominant' numru Y-0910 a skapitu ta Costantino Borg; (**3**) fl-istess data u cirkostanzi saq karozza numru A-6419 b'manjiera perikoluza u bla kont;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Jannar, 2000, li peremzz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Alexander Azzopardi hati skond <u>l-ewwel</u> imputazzjoni u skond <u>it-tielet</u> imputazzjoni (b'dan li t-tielet imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda), izda lliberatu mit-tieni imputazzjoni, ikkundanntu multa ta' elf lira (Lm1,000) u skwalifikatu milli jzomm jew igib licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sitt xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Alexander Azzopardi, minnu ppresentat fis-26 ta' Jannar, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma mqassma fuq hames paragrafi. L-ewwel tlett paragrafi huma, bazikament, fis-sens li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti kif irrisultaw mill-provi. Aktar specifikatament l-appellant jikkontendi li (i) l-incident kien dovut mhux ghas-sorpass li ghamel hu izda ghall-manuvra ta' sorpass li ghamlet il-vettura (li baqghet sejra u li s-

sewwieq taghha baqa' mhux maghruf) li kienet gejja mill-faccata, (ii) li l-ewwel qorti mmisinterpretat id-deposizzjoni li huwa ta quddiemha fl-14 ta' Lulju, 1999, u (iii) li l-ewwel qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-element tat-temp ta' dik il-gurnata.

Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-provi kollha, kemm dawk migjuba quddiem l-esperti nominati ghall-finijiet tal-inkjesta dwar l-*in genere* (inkjesta li bdiet fis-26 ta' Mejju, 1992, cioe` erbat ijiem wara l-incident, u dan peress li ghall-bidu s-sinistrat Lawrence Farrugia ma deherx li kellu griehi ta' natura gravi), kif ukoll dawk migjuba quddiem l-ewwel qorti. Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-incident sehh minhabba <u>zewg</u> manuvri ta' sorpass li saru b'mod imprudenti: wahda il-manuvra ta' sorpass tal-appellant u l-ohra l-manuvra ta' sorpass tal-vettura li baqghet sejra (cioe` l-vettura li kienet qed tissorpassa lil Farrugia). Il-fatt li <u>haddiehor ukoll kien negligenti</u> ma jgibx fix-xejn ir-responsabbilta` ta' l-appellant, basta, naturalment, li n-negligenza ta' l-appellant kienet kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-habta:

In generale…si deve ritenere che, quando l'evento venne prodotto dalla condotta contraria alla polizia o alla disciplina di piu` individui, ciascuno di essi ne risponde principalmente ed egualmente agli altri, sia egli stato causa immediata o mediata, prossima o remota, ma almeno in parte efficiente; purche`, cioe`, senza il concorso della sua condotta volontaria, ne` l'evento si sarebbe probabilmente verificato, ne` le cause immediate avrebbero verosimilmente operato. (Manzini, V. **Trattato di Diritto Penale Italiano**, Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed., UTET (Torino), 1981, Vol. I, para. 269).

Kif tajjeb osservaw l-esperti nominati ghall-finijiet ta' l-*in genere*, meta sewwieq jiddeciedi li jaqbez vettura li tkun quddiemu hu ghandu jaghmel din il-manuvra ta' sorpass meta jkun assolutament cert li fl-esekuzzjoni ta' l-imsemmija manuvra ma hu ser johloq perikolu ghal hadd. Fi kliem iehor, ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li wiehed jista' oggettivament jghid li dik il-manuvra kienet wahda prudenti u li ma kienet tohloq ebda perikolu ghal xi utent iehor tat-triq. Fil-kaz in dizamina, u kif jirrisulta partikolarment mid-deposizzjoni ta' Jesmond Tonna (is-sewwieq tal-*coach* li kien qed jissorpassa l-appellant), biex l-appellant ghamel il-manuvra ta' sorpass huwa kellu jaqbez in-nofs tat-triq – traccjat b'linja bajda kontinwa, ghalkemm xi ftit "faded out" – <u>meta kien gej traffiku mill-faccata</u> li kien pjuttost vicin. Dana l-fatt wahdu kien jaghmel il-manuvra ta' sorpass wahda traskurata u, fic-cirkostanzi tal-kaz, anke perikoluza, aktra u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-vettura li l-appellant ried jaqbez kienet pjuttost twila (*coach*) u li l-art kienet xi ftit imxarrba (fi kliem Tonna "kien iz-zlieq"). Biex jevita lis-sorpassant l-iehor, l-appellant gibed lejn ix-xellug, habat mal-*coach*, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, u baqa' diehel "head on" f'Farrugia. Ghalhekk din il-Qorti tara li l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti dwar ir-responsabbilta` ta' l-appellant ghall-habta kienet wahda li dik il-qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha.

L-appellant jikkontendi ukoll, fir-raba' paragrafu, li ma giex pruvat li kien hemm ness ta' kawza u effett bejn il-habta *head on* bejn il-karozza tieghu u dik ta' Farrugia u l-mewt ta' l-istess Farrugia. Hu jikkontendi li Farrugia kien

diga f'kundizzjoni ta' sahha xejn tajba qabel il-habta b'mod li kien diga predispost ghall-kumplikazzjonijiet medici li nqalghu, kumplikazzjonijiet li nnecessitaw diversi interventi kirurgici u medici qabel ma l-imsemmi Farrugia miet fl-Isptar San Luqa fid-29 ta' Mejju, 1992 (jigifieri sebat ijiem wara l-incident).

Issa, ma hemmx dubbju li,

It is a fundamental requirement of causation in law that the conduct of the accused be a sufficiently direct cause of the consequential harm to the victim. It is quite possible that a number of other "but for" causes will contribute to the eventual result. Some will be more significant than others, but very few will be of sufficient significance to break the causal chain. (Jones T.H. u Christie M.G.A. **Criminal Law**, W. Green / Sweet & Maxwell (Edinburgh, 1992), p. 93, para. 5.18).

Fi kliem iehor, wiehed irid jistaqsi jekk Farrugia mietx minhabba l-offiza jew offizi li sofra fil-habta, jew inkella mietx minhabba xi haga li nqalghet wara l-habta u li ma kienitx konsegwenza naturali ta' dawk l-offizi. Biex jista' jinghad li ma kienx hemm in-ness ta' kawza u effett bejn il-habta u l-mewt, in-*novus actus interveniens* irid ikun tali li jikser kompletament il-katina bejn il-habta (u l-offizi li dak li jkun garrab fil-habta) u l-mewt. S'intendi, jista' jigri li l-individwu jmut kemm minhabba l-konsegwenzi naturali ta' dawk l-offizi kif ukoll minhabba xi haga li tinqala' wara u li ma tkunx konsegwenza naturali ta' dawk l-offizi, f'liema ipotesi xorta wahda jkun hemm in-ness ta' kawza u effett. Jinghad ukoll li l-fatt li l-vittma tkun fi stat ta' sahha diga hazina jew tkun tbati minn xi kundizzjoni medika partikolari qabel ma ssofri l-offiza, b'mod li l-offiza wahedha ma kienitx twassal ghall-mewt li kieku ma kienx ukoll ghal dik il-kundizzjoni ta' sahha jew dik il-kundizzjoni medika, ma jfissirx li ma jkunx hemm in-ness ta' kawza u effett: min volontarjament jew b'negligenza jikkaguna offiza fuq il-persuna irid iwiegeb ghall-konsegwenzi naturali kollha ta' dik l-offiza indipendentement mill-istat ta' sahha tal-vittma qabel l-offiza. Fi kliem l-awturi aktar 'l fuq citati:

It is commonly stated that the accused must "take his victim as he finds him"…This principle is sometimes referred to as the "thin skull" rule. This rule means that the accused will be criminally liable if death results from some pre-existing weakness in the victim. As Lord Jamieson said in *Bird v. H.M. Advocate*[1] it is not a "defence that the victim was an old person, an infirm person, or a person that suffered from a bad heart, and that if he had been young and healthy the consequences would not have happened". (*op. cit.* p. 90, para. 5.09, 5.10).

Mill-kumpless tal-provi u senjatament mid-deposizzjoni tal-Professoressa Marie Therese Camilleri (fol. 41) (li kkonduciet, flimkien ma' haddiehor, l-ezami nekroskopiku) u minn dik tal-kirurgu Arthur Felice (fol. 58) din il-Qorti hi sodisfatta li kien hemm ness ta' kawza u effett bejn l-offizi li sofra Farrugia fil-habta u l-mewt tieghu granet wara. Jidher, infatti, li mal-habta Farrugia garrab kontuzjoni fl-aorta addominali, u b'risultat dirett ta' din il-kontuzzjoni iccaqilqu l-kacifikazzjonijiet li diga kellu fl-arterji u kkawzaw trombosi. Din it-trombosi, in segwitu, gabet kumplikazzjonijiet fil-kliewi u anke indebboliment tal-qalb.

[1] 1952 J.C. 23, p. 25

Tnejn mit-tlett kawzi tal-mewt riskontrati mill-esperti patologi kienu "contusion of the abdominal aorta" u "aortic artery thrombosis" (it-tielet wahda kienet "bilateral bronchopneumonia"). In-ness bejn il-problemi fl-aorta u dawk fil-kliewi johorgu anke minn dettal partikolari fir-rapport nekroskopiku, fejn jinghad hekk: "There is also a moderate degree of atherosclerosis of the coronary arteries and severe atheroma of the aorta especially the abdominal aorta where there are large numerous plaques at the level of the renal arteries". Il-kirurgu Felice, mistoqsi specifikatament mill-ewwel qorti jekk il-kumplikazzjonijiet li kien hemm kienux "kompatibbli mat-*traffic accident*" wiegeb: "Iva. Mhux xi haga li grat kumbinazzjoni hekk" (fol. 61). Din il-Qorti ghalhekk, bhall-ewwel qorti, hi sodisfatta li kien hemm in-ness mehtieg skond il-ligi bejn l-offizi li garrab Farrugia fil-habta u l-mewt tieghu ftit granet wara.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant hu dwar il-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fedina penali nadifa tieghu u tal-fatt li huwa ghandu bzonn jaghmel uzu mill-karozza fil-kors tax-xoghol tieghu bhala *airconditioning technician*. Issa, mis-sentenza appellata jidher car li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa ta' l-appellant. L-ewwel qorti kienet ukoll korretta meta ma imponietx piena karcerarja. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li stante li s-sewqan ta' l-appellant kien jinkwadra aktar bhala sewqan perikoluz milli sewqan bla kont – fatt, dan, li ma tantx jidher li gie rilevat mill-ewwel qorti – kif ukoll in vista tas-sehem fl-incident tas-sewwieq l-iehor li kien qed jissorpassa lill-Farrugia u li baqa' sejjer, hemm lok ta' temperament f'dik li hi l-piena pekunjarja. Mill-bqija, pero`, din il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni impellenti ghala ghandha tindahal fid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti meta giet biex tistabilixxi l-periodu ta' l-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' elf lira, u minflok tikkundannah multa ta' tmein mitt lira (Lm800); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' l-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur